# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-20 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 436/2014 SM**

**Charmaine Attard**
**Numru tal-Karta ta' identita` 25572 (M)**

**vs.**

**L-Onorevoli Prim Ministru,**
**L-Onorevoli Ministru tas-Sahha u**
**Il-*Foundation for Medical Services***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-20 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi ghandha kuntratt ta' servizz ta' tliet (3) snin datat l-20 ta' Dicembru, 2012, li kien jibda mit-23 ta' Novembru, 2012, (ara foll 4 u 43);

1.2. Illi giet impjegata bhala Direttur risponsabbli mill-Infirmiera u l-Qwiebel fl-Isptar *Mater Dei* biex taghti s-servizz kif stipulat fl-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti;

1.3. Illi fis-16 ta' Mejju, 2013, kienet verbalment infurmata mill-Kap tas-Segretarjat tal-Ministru tas-Sahha li kellha tirrinunzja ghall-impjieg taghha lilha koncess fl-imsemmi kuntratt u taghzel fejn xtaqet tmur;

1.4. Illi ssosstni li tali decizjoni kienet arbitrarja u bla bazi, u ghalhekk, oggezzjonat ghall-istess;

1.5. Illi permezz ta' ittra datata l-24 ta' Mejju, 2013, irceviet ittra mill-Fundazzjoni intimata fejn giet informata li kellha tassumi l-kariga ta' Direttur responsabbli ghas-Servizzi ta' Infirmiera fl-isptar rijabilittattiv Karen Grech, (ara foll 11);

1.6. Illi ssosstni li anke din id-decizjoni hi illegali;

1.7. Illi dejjem qdiet id-doveri taghha b'mod skrupoluz u kompetenti;

1.8. Illi din id-decizjoni hi:

1.8.1. Arbitrarja u illegali;

1.8.2. Tivvjola d-drittijiet taghha; u

1.8.3. Tirrekalha danni;

1.9. Illi ghalkemm ipprezentat protest gudizzjarju fir-rigward, l-intimati baqghu ma irrispondewx ghall-istess;

1.10. Illi permezz ta’ ittra datata l-1 ta’ Novembru, 2013, gabet is-suespost a formali konjizzjoni tal-*Ombudsman* – Kummissarju tas-Sahha, li ddecieda l-kaz favur taghha permezz ta’ decizjoni datata l-14 ta’ Frar, 2014, (ara rispettivament foll 12 u 15);

1.11. Illi ghalkemm l-imsemmija decizjoni giet notifikata lill-awtorita` kompetenti ma kien hemm l-ebda svolta fir-rigward;

1.12. Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.12.1. Issib lill-intimati jew min minnhom hatja li kissru l-kuntratt t’impjieg datat 20 ta’ Dicembru, 2012;

1.12.2. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.12.3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti, u jekk hemm bzonn, bl-opra ta’ periti *nominandi*;

1.12.4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju;

1.12.5. Tordna lill-intimati jew min minnhom biex fi zmien qasir u perentorju jerga jqieghed lir-rikorrenti fil-kariga kif indikata fil-kuntratt ta’ impjieg datat l-20 ta’ Dicembru, 2012;

2. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta’ Mejju, 2014, li permezz tieghu appuntat ir-rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 25);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-10 ta’ Gunju, 2014, li permezz taghha l-intimati Prim Ministru u Ministru tas-Sahha sintetikament esponew is-segwenti:

3.1. Illi l-persuna li tirraprezenta lill-Ministeru tas-Sahha hi t-Tabib Principali ghall-Gvern (Sahha Pubblika);

3.2. Illi l-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur *stante* li fir-rigward tal-vertenza in dizamina il-funzjoni tieghu hi limitata biss ghall-approvazzjoni ta' talba li saret mill-Fundazzjoni intimata ghal sejha ghall-applikazzjonijiet ghal post ta' Direttur Rizorsi Umani u Amministrazzjoni fl-isptar *Mater Dei*;

3.3. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hi karenti minn fundament guridiku *stante* li l-lanjanza in kwistjoni ma tinkwadrax ruhha fid-definizzjoni ta' "ghemil amministrattiv" *ai termini* tal-artiklu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12), billi din teskludi xi haga li ssir bil-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`;

3.4. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet, l-arrangamenti, u l-kuntratt, saru kollha mill-Fundazzjoni intimata u din taqa' taht il-kompetenza tal-Ministeru;

3.5. Illi t-Tabib Principali tal-Gvern qatt ma kien partecipi fl-imsemmija sejha ghall-applikazzjonijiet jew kuntratt konsegwenzjali ghall-istess;

3.6. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li l-grad u s-salarju tar-rikorrenti ma gewx mibdula;

3.7. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.8. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.9. Salv risposti ulterjuri;

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-16 ta' Gunju, 2014, li permezz taghha l-Fundazzjoni intimata sintetikament esponiet is-segwenti:

4.1. Illi r-rikorrenti ghandha tindika fuq liema provizjonijiet tal-ligi qed tibbaza t-talbiet taghha;

4.2. Illi ma kien hemm l-ebda ksur tal-kuntratt ta' impjieg fil-konfront tar-rikorrenti;

4.3. Illi t-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *stante* li l-grad u s-salarju taghha ma kienux mittiefsa;

4.4. Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti ma soffriet l-ebda danni;

4.5. Bl-ispejjez;

4.6. Salv risposti ulterjuri;

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

7. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet prezenti awtorizzat lill-kontendenti biex jittrattaw il-procedura bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 285);

8. Rat in-nota t'osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata l-11 ta' Settembru, 2017, (ara foll 286), flimkien ma' dik tal-intimati Prim Ministru u Ministru tas-Sahha, datata s-16 t'Ottubru, 2017, (ara foll 293);

9. Tirrileva li l-Fundazzjoni intimata ghazlet li ma tipprezentax in-nota ta' sottomissjonijiet taghha;

10. Tirrileva wkoll li l-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti li ghazlu jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet fuq indikati infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq l-istess noti minnhom ipprezentati;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi bejn ir-rikorrenti u l-Fundazzjoni intimata hemm il-vinkolu ta' kuntratt ta' impjieg ghal perjodu definit datat l-20 ta' Dicembru, 2012, (ara foll 4 u 43);

11.2. Illi skont l-istess kuntratt jirrizultaw sintetikament is-segwenti:

11.2.1. Illi r-rikorrenti inghatat l-inkarigu ta' *"Director Nursing and Midwifery, Mater Dei Hospital*";

11.2.2. Illi l-impjieg tar-rikorrenti kellu jigi esperit l-Isptar *Mater Dei* "... and any other premises that the Employer so directs";

11.2.3. Illi dan l-impjieg kien wiehed definit ghall-perjodu ta' tliet (3) snin;

11.2.4. Illi l-istess impjieg kellu jigi meqjus li beda fit-23 ta' Novembru, 2012;

11.3. Illi permezz t'ittra mill-Fundazzjoni intimata datata l-24 ta' Mejju, 2013, ir-rikorrenti kienet informata li b'effett mis-27 ta' Mejju, 2013, kellha tibda tipprovdi s-servizzi taghha fl-Isptar Karen Grech *stante* li l-Ministeru tas-Sahha xtaq isahhah il-kwalita` tal-infermiera responsabbli mill-pazjenti li hemm kienu qed jigu rijabilitati;

11.4. Illi l-grad u s-salarju li r-rikorrenti kellha *ai termini* tal-kuntratt tal-20 ta' Dicembru, 2012, ma kienux ser jinbiddlu meta tiehu l-posizzjoni taghha fl-isptar Karen Grech;

11.5. Illi konsegwenza tal-istess is-sahha tar-rikorrenti marret lura u fis-6 ta' Marzu, 2015, ipprezentat l-ittra ta' rizenja taghha lill-istess Fundazzjoni intimata, (ara foll 121);

11.6. Illi l-Fundazzjoni intimata flimkien mal-intimati l-ohra jsosstnu li t-trasferiment tar-rikorrenti minn sptar ghal iehor kienet necessarja minhabba l-bzonn li kellhom jigu arginati diversi nuqqasijiet fl-isptar Karen Grech, (ara foll 176);

11.7. Illi min-naha taghha r-rikorrenti ssosstni li t-trasferiment taghha sehh ghaliex l-awtoritajiet ikkoncernati riedu jagevolaw lil haddiehor, (ara foll 121);

11.8. Illi skont ic-*Chief Executive Officer* tal-isptar Mater Dei, r-rikorrenti dejjem tat servizz tajjeb fl-istess sptar tant li, flimkien ma ohrajn, l-istess rikorrenti gabet l-isptar 'l quddiem, (ara foll 154);

11.9. Illi skont id-decizjoni tal-*Ombudsman* datata l-14 ta' Frar, 2014, (ara foll 15):

11.9.1. Illi l-lanjanzi hemm riprodotti mir-rikorrenti gew milqugha;

11.9.2. Illi l-intimati umiljaw lir-rikorrenti;

11.9.3. Illi l-awtoritajiet koncernati ghandhom jaghtu r-rimedju gust u ekwu hemm indikat;

11.10. Illi konsegwentement ir-rikorrenti qeghda essenzjalment tikkontendi s-segwenti:

11.10.1. Illi l-kuntratt t'impjieg fuq indikat inkiser fil-konfront taghha mill-intimati jew min minnhom;

11.10.2. Illi dan ikkagunala danni li ghandhom jigu lilha riintegrati;

Ikkunsidrat:

12. Illi in vista tal-premess hu issa necessarju li preliminarjament tigi determinata l-eccezzjoni sollevata mill-intimati Prim Ministru u l-Ministru tas-Sahha fit-termini tal-artiklu 181B (1) tal-Kap 12, senjatament li dawn **mhumiex il-legittimi kontradditturi tar-rikorrenti**, (ara foll 36);

13. Illi l-artiklu indikat fil-paragrafu precedenti jistipula s-segwenti:

> "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni";

14. Illi *di piu`*, issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Tabone *Computer* Centre *Limited* vs.**

**Ir-Regolatur tat-Telegrafija minghajr Fili *et***, datata s-**27 ta' Jannar, 2011**, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "Illi l-ligi (artiklu 181B (1) tal-Kap 12), trid li f'kawzi l-Gvern ikun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, u l-Avukat Generali jidher biss f'dawk il-kawzi li, minhabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistghu jistressqu kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohrajn", (artiklu 181B (2) tal-Kap 12)";

15. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li fi proceduri bhal din in dizamina il-legittimu kontradittur ghandu jkun fl-ewwel lok il-kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni u mhux il-Gvern ta' Malta kif jista' jkun rapprezentat mill-Prim Ministru, Ministru, jew mill-Avukat Generali;

16. Illi ghalhekk hu biss il-kap tad-dipartiment in kwistjoni li jirrapprezenta lill-Gvern ta' Malta;

17. Illi hu biss f'dawk il-kazijiet fejn talba ma tkunx tista' titressaq kontra xi kap ta' dipartiment, li kawza ghandha tigi proposta kontra l-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

18. Illi biex wiehed ikun jista' jistabbilixxi b'certezza liema entita` tal-Gvern ghandha r-rapprezentanza tieghu fi proceduri gudizzjarji partikolari wiehed necessarjament ghandu jhares lejn dak li jkun qieghed jintalab mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu jew taghha;

19.0. Illi f'dan ir-rigward ezami tal-istess rikors guramentat promotur jistabbilixxi li r-rikorrenti qed titlob li din il-qorti biex:

  19.1. Tiddikjara li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt t'impjieg in mertu kienu gew miksura meta r-rikorrenti kienet giet mitluba tirrapporta ghax-xoghol fl-Isptar Karen Grech;

  19.2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsuha d-danni rizultanti minn tali ksur ta' kundizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

20. Illi dawn il-lanjanzi kif hekk proposti fir-rikors guramentat promotur jistghu effettivament jigu biss indirizzati kontra l-Fundazzjoni intimata *stante* li kienet biss din il-Fundazzjoni li intrabtet bil-kuntratt in kwistjoni;

21. Illi in vista tas-suespost din l-eccezzjoni preliminari timmerita li tigi akkolta, u konsegwentement, l-intimati Prim Ministru u Ministru tas-Sahha ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi sorvolat is-suespost, jigu issa ezaminati r-risposti preliminari u fil-meritu sollevati mill-Fundazzjoni intimata, senjatament:

22.1. Liema hi l-ligi li fuqha qed tibbaza t-talbiet taghha r-rikorrenti, (ara paragrafu numru tnejn u ghoxrin punt zero, (23.0.), aktar ’l quddiem);

22.2. Liema hu l-allegat Ksur tal-Kuntratt *de quo*, (ara paragrafu numru erbgha u ghoxrin punt zero, (25.0.), aktar ’l quddiem);

22.3. Liema huma l-allegati Danni sofferti mir-rikorenti, (ara paragrafu numru tletin punt zero, (33.0.) aktar ’l quddiem);

Ikkunsidrat:

**A. Il-Ligi li fuqha qed tibbaza r-Rikorrenti:**

23.0. Illi f’dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi in effetti, l-istess rikors guramentat promotur li ta bidu ghall-procedura odjerna ma jispecifikax espressament liema huma d-disposizzjonijiet tal-ligi li fuqhom ir-rikorrenti qed tibbaza t-talbiet taghha;

23.2. Illi pero`, minkejja tali mankanza, ghandu jirrizulta pacifiku li l-effetti tat-talbiet elenkati mir-rikorrenti ghandhom jirrizultaw bi kjarezza mill-istess;

23.3. Illi in effetti, permezz tal-istess ir-rikorrenti qed titlob li din il-qorti biex tiddikjara li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt t'impjieg mertu tal-procedura bejn ir-rikorrenti u l-Fundazzjoni intimata gew miksura meta r-rikorrenti kienet giet mitluba tirrapporta ghax-xoghol fl-Isptar Karen Grech u konsegwentement qed titlob ukoll danni konsegwenzjali ghal din id-decizjoni;

24. Illi konsegwentement, la tirrizulta x'inhi t-talba tar-rikorrenti – u dan, bi kjarezza indisputata – din l-ewwel eccezzjoni tal-Fundazzjoni intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

**B. Allegat Ksur tal-Kuntratt:**

25.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

25.1. Illi r-rikorrenti ssosstni li l-impjieg taghha fl-Isptar *Mater Dei* kien terminat minghajr il-kunsens taghha;

25.2. Illi konsegwentement kien hemm ksur tar-rabta kontrattwali vigenti bejn il-partijiet kontraenti *stante* li skont ir-rikorrenti il-kuntratt in kwistjoni seta' biss jigi terminat ghal raguni ta' sahha u dixxiplina, (ara klawsoli 6 u 7.6 tal-kuntratt t'impjieg in kwistjoni a foll 5 u 44, u 6 u 45, u foll 288);

25.3. Illi min-naha taghha l-Fundazzjoni intimata ssosstni li fl-operat taghha in dizamina:

25.3.1. La kien hemm ksur tal-kuntratt *de quo*; u

25.3.2. Lanqas ghalhekk, kien hemm lok ghal danni;

25.4. Illi *di piu`*, il-grad u s-salarju moghti lir-rikorrenti permezz tal-kuntratt in kwistjoni baqghu identici;

25.5. Illi f’dan il-kuntest il-klawsola 1.2. tal-kuntratt in kwistjoni tistipula s-segwenti:

> “*her employment will be required at Mater Dei Hospital and any other premises that the Employer so directs*”, (ara foll 4 u 43);

Ikkunsidrat:

26. Illi f’dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1002 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta (minn issa ’l quddiem Kap 16), li jistipula s-segwenti:

> “Meta l-kliem ta’ konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni”;

27. Illi *di piu`*, issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Prim Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Avukat Dottor Joselle Farrugia vs. Dr. Pascal Demajo *et***, datata d-**9 ta’ Dicembru, 2002**, li f’dan ir-rigward sosstniet is-segwenti:

> “Li ghalhekk l-ewwel haga li trid issir hi li wiehed jezamina l-kliem tal-kuntratt u jara jekk dan huwiex car, anke ghaliex dan kapaci, ghal certi riflessjonijiet ohra li jehtieg isiru, jolqtu l-materja u jincidu fuqha”;

28. Illi konsegwentement fid-dawl tal-imsemmija klawsola, (ara paragrafu numru erbgha u ghoxrin punt hamsa, (25.5.), aktar qabel), jirrizulta li l-Fundazzjoni intimata kellha d-dritt li tidderiegi lir-rikorrenti biex taqdi l-funzjonijiet taghha minn sptar iehor amministrat mill-istess Fundazzjoni skont l-esigenzi tal-istess;

29. Illi in effetti dawn l-esigenzi jirrizultaw debitament indikati lir-rikorrenti fl-ittra tal-Fundazzjoni intimata lilha indirizzata datata l-24 ta’ Mejju, 2013, (ara foll 11), meta infurmat lir-rikorrenti bis-segwenti:

> “*in the light of service exigencies in the area of rehabilitation; and in view of considerations related to*

*the deployment of senior management personnel across service-provider entities of the Ministry for Health, kindly be advised that your services are required at Rehabilitation Hospital Karen Grech. This redeployment, also being made in full cognisance of Claluse 1.2 of your existing definite Contract of Service, shall be effective as at Monday 27th May, 2013*".

30.0. Illi f'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghas-segwenti xhieda ipprezentata *in atti*;

30.1. Dik tad-Direttur (Servizzi tal-Infirmiera) fit-Taqsima tad-Direttur Generali tas-Servizzi tas-Sahha fi hdan il-Ministeru ghas-Sahha li jghid is-segwenti:

> "Nghid ukoll li bhal principju applikabbli fis-servizz pubbliku li l-Gvern jista' jcaqlaq impjegat skont l-ezigenzi tas-servizz, l-istess jinghad dwar l-FMS li tista' bhala *employer* tidderigi l-impjegati taghha sabiex jaghtu s-servizz taghhom minn sptarijiet li jaqghu taht l-*management* u l-operat tal-FMS ...", (ara foll 227);

30.2. Dik tal-persuna responsabbli mir-rizorsi umani fi hdan il-Fundazzjoni intimat li qalet is-segwenti:

> "Wahda mill-kondizzjonijiet pattwiti fil-kuntratt ta' reklutagg tar-rikorrenti kien illi setghet tintbaghat taghmel xi xoghol fi kwalunkwe entita immexxija mill-Ministeru tas-Sahha", (ara foll 233);

31. Illi in vista tas-suespost jirrizulta pacifiku li meta l-Fundazzjoni intimata ghazlet li tibghat lir-rikorrenti min sptar ghal iehor din kienet qed tagixxi fit-termini tal-kuntratt t'impjieg definittiv datat l-20 ta' Dicembru, 2012, u konsegwentement ma jirrizulta li kien hemm l-ebda ksur tal-kuntratt *de quo* mill-istess Fundazzjoni, u dan, *stante* li l-istess kuntratt kien jaghti l-fakulta` lill-imsemmija Fundazzjoni li tbiddel il-post fejn ir-rikorrenti setghet tintbghat taqdi d-dmirijiet taghha;

32. Illi konsegwentement din l-eccezzjoni sollevata mill-Fundazzjoni intimata ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

**C. Danni Sofferti Allegati:**

33.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

33.1. Illi in vista tas-suespost jirrizulta assodat li ma irrizulta l-ebda ksur tal-klawsoli kuntrattwali daparti tal-Fundazzjoni intimata;

33.2. Illi konsegwentement, ma jirrizultax li hemm danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti;

33.3. Illi *di piu`*, *stante* l-fatt li meta kienet trasferita r-rikorrenti zammet l-istess grad u l-istess salarju, allura ghandu jkun pacifiku wkoll li l-ebda danni ma irrizultaw;

33.4. Illi in effetti, f'dan ir-rigward issir referenza ghall-ittra ta' trasferiment datata l-24 ta' Mejju, 2013, li fiha kien specifikat is-segwenti:

> *The title associated with your new responsabbilities shall be that of Director Nursing Services, Rehabilitation Hospital Karen Grech. The terms and conditions that govern your existing definite engagement with the Foundation for Medical Services shall remain unchanged;*

34. Illi *di piu`* jirrizulta li l-istess rikorrenti irrizenjat mill-impjieg taghha minn jedda, (ara foll 67);

35. Illi konsegwentement din l-eccezzjoni sollevata mill-Fundazzjoni intimata ghandha wkoll tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

36. Illi jigi sottolineat li in vista ta' dak hawn fuq ritenut fir-rigward tad-**Danni Allegati**, (ara paragrafu 'C' aktar qabel), a skans ta' ripetizzjoni inutili, jinghad li allura anke is-seba' (7) eccezzjoni sollevata mill-intimati Prim Ministru u Ministru tas-Sahha, (ara foll 37), ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

37.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti ma ipprovatx it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li:

**DECIDE:**

37.1. Tillibera lill-intimati Prim Ministru u Ministru tas-Sahha mill-osservanza tal-gudizzju;

37.2. Tirrespingi l-ewwel (1) eccezzjoni tal-Fundazzjoni intimata;

37.3. Tirrespingi t-talbiet l-ohra kollha tar-rikorrenti;

37.4. Takkolji r-risposti l-ohra tal-Fundazzjoni intimata;

37.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**